TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 35/17/F

**David u Mildred Angela Caruana**

**vs**

**Fresh & Clean Laundry & Dry Cleaning**

Illum 25 ta' Lulju, 2017

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fid-9 ta' Frar, 2017 fejn ir-rikorrenti talbu danni ta' elf u mitt ewro (€1,100), rappreżentanti prezz ta' żewġ twapet illi wara li ħaduhom għal *dry cleaning*, wieħed minnhom ma ġiex irritornat lura.

Is-soċjeta' ntimata ppreżentat risposta bil-miktub għal din it-talba, u attendiet għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tas-soċjeta' ntimata li hija rappreżentanta tas-soċjeta' ntimata, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettew bil-miktub illi huma kienu ħadu żewġ twapet li kienu sett li jaqblu, għal *dry cleaning*, pero' ġie ritornat wieħed biss u l-ieħor jidher li ntilef.

Filwaqt, illi s-soċjeta' ntimata taċċetta li ntilef wieħed mit-twapet, qed tgħid li għandha tirrifondi biss il-prezz ta' tapit wieħed u mhux ta' tnejn, pero' r-rikorrenti qed jgħidu li għandhom iħallsu ta' żewġ twapet, għax dawk huma sett ta' żewġ twapet li jaqblu.

It-Tribunal, wara li sema' lill-partijiet, jinnota illi għalkemm huma sett ta' tnejn, tapit wieħed intilef u l-ieħor ġie ritornat lura.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti limitatament għal tapit wieħed, u jordna lis-soċjeta' ntimata tħallas l-ammont ta' tlett mija u ħamsin ewro (€350), u bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' ntimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**